MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 138/2014

**The General Soft Drinks Co Ltd (C1591)**

**Vs**

**Map Trading Limited (C58917) u b'digriet tat-2 ta' April 2015 il-qorti nnominat lill-avukat Dr Joseph Mizzi u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-kumpannija konvenuta; u Michele Mule'**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Frar 2014, l-attrici ppremettiet u talbet:

*Illi s-socjeta' attrici bieghet u wettqet diversi konsenji ta' xorb lill-konvenuti u ghad fadlilha tiehu minghand il-konvenuti l-ammont bilancjali ta' hdax-il elf, tmien mija, tlieta u sittin euro u sitta u tletin centezmi (€11,863.36) matul is-sena elfejn u tlettax (2013) kif jirrizulta mir-resokont datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) hawn allegat bhala Dok. "A";*

*Illi dan l-ammont baqa' ma giex saldat u dana minkejja illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu;*

*Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, din is-somma ta' €11,863.36 hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u*

*2. tikkudanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' €11,863.36 rapprezentanti l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici kif inghad, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tar-resokont imsemmi sad-data tal-pagament effettiv.*

Permezz ta' risposta prezentata fil-21 ta' April 2015, il-kuraturi tas-socjeta' konvenuta, Dottor Joseph Mizzi u Prokuratur Legali Quentin Tanti, wiegbu:-

*Illi l-kuraturi qeghdin jaghmlu tentattiv sabiex jikkuntatjaw lis-socjeta' intimata, pero' sal-lum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti ta' kaz.*

*Ghaldaqstant f'kaz li jirrnexxielhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.*

Permezz ta' risposta prezentata fl-4 ta' Mejju 2015, il-konvenut Michele Mule' wiegeb:-

*1. Illi in linea preliminari, l-intimat Michele Mule', mhuwiex legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici, u dana stante illi qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' rikorrenti fil-kapacita' tieghu personali;*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici*

Il-qorti semghet il-provi u trattazzjoni u rat l-atti.

1. F'din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' €11,863.36 minghand il-konvenuti, prezz ghall-bejgh u konsenja ta' xorb (ara rendikont Dok. A a fol. 5). Il-konvenut Mule' jsostni li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Ir-rendikont hu ndirizzat *"Sir Alex MAP Trading Ltd Michele Mule' Triq Borg Olivier, St. Julian's"*.

2. MAP Trading Limited kienet ghamlet zmien tiggestixxi l-bar u restaurant Sir Alex gewwa San Giljan. Jirrizulta li l-konvenut Mule' kien direttur ta' din il-kumpannija, biex imbaghad fl-10 ta' Settembru 2013 inghata avviz lir-Registratur tal-Kumpanniji li ma kienx ghadu direttur u li postu hadu Angelo Mule, missieru. Ghalkemm Michele Mule' xehed li accetta l-kariga ta' direttur bhala favur lil missieru, ovvjament dan ma jikkoncernax lill-attrici li ma kenitx parti ghal xi ftehim li seta' sar bejn Michele Mule' u missieru.

3. Mill-provi rrizulta li qabel beda jsir il-bejgh u konsenja ta' merkanzija:

(a) Ufficjal tal-attrici mela formola (Dok DC2) bit-taghrif. F'dan id-dokument jinghad fejn kellha ssir il-konsenja (Sir Alex, Map Trading Ltd). Pero' jissemma wkoll li s-sid hu Michele Mule' bin-numru tat-telefon u karta tal-identita. Hu veru li ma' gemb l-isem ta' Mule hemm in-numru ta' registrazzjoni ta' kumpannija (C58917) li l-qorti qeghda tifhem li hu tal-kumpannija Map Trading Limited u wkoll numru tal-VAT (2108-6435). Pero' dan id-dokument m'huwiex kuntratt.

(b) Michele Mule ffirma *Credit Application Form* (Dok. GSD). Dokument li hu ftehim sabiex il-klijent jixtri u l-hlas ma jsirx mal-konsenja izda fi zmien hmistax-il jum tax-xahar ta' wara[1]. Hu evidenti li l-bejgh ta' merkanzija *on credit* sar a bazi ta' dik l-iskrittura. F'din il-formola l-kumpannija konvenuta ma tissemmix. Fil-parti *"Appearer|Purchaser (1) Name"* hemm isem Michele Mule' bid-dettalji tieghu (indirizz, numru tal-karta tal-identita, numru tat-telefon, isem u kunjom missieru u isem ommu). Fuq wara tal-formola hemm il-firma ta' Mule' u taht hemm ipprintjat **Pro et Noe**. Mule' xehed li fejn hemm id-dettalji tieghu: *"The second section was written by myself. However, the ID card number and the mobile number were written by Mr Muscat"*. Dan ifisser li kien Mule li kiteb ismu u kunjomu u l-ismijiet tal-udituri tieghu. Il-konvenut kompla jixhed li Alexander Muscat, ufficjal tal-kumpannija attrici, mar ir-restaurant u talbu biex jiffirma d-dokument u biex jimla certi dettalji; *"At the time, my English was not good"*. Pero' din m'ghandhiex isservi bhala xi raguni valida sabiex il-

[1] *"Hi a bazi ta' dik l-applikazzjoni li l-klijent jinghata l-credit, jigifieri jkun jista' jixtri u ma jhallasx dak il-hin tal-konsenja"* (seduta tat-2 ta' Gunju 2015).

konvenut Mule' jahrab mill-obbligi tieghu. Kieku ried seta' jirrifjuta li jiffirma. Hu facli ghalih li llum ighid li dak iz-zmien l-Ingliz tieghu ma kienx tajjeb, u b'hekk jaghti wiehed x'jifhem li ma kienx jaf x'qieghed jiffirma. Il-qorti m'hijiex konvinta minn din l-ispjegazzjoni. Irrizulta kif kien hu stess li nizzel id-dettalji personali tieghu. F'kull kaz il-konvenut messu, qabel iffirma, accerta ruhu li fehem il-kontenut tal-iskrittura u fin-nuqqas ma jiffirmax. Jekk ma tax kaz ha riskju u bil-firma assuma r-responsabbilta li jaghmel tajjeb ghall-hlas. Meta ffirma l-iskrittura nholqot relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-konvenut Mule'. M'huwiex validu l-argument li Mule' kien iffirma ghan-nom tal-kumpannija konvenuta, ghaliex l-iskrittura[2] ma tghidx hekk. Fl-iskrittura jinghad ukoll:-

*"Persons applying in their **OWN NAME** need fill in only Section A & B"*,

li huma proprju l-partijiet tal-iskrittura fejn tnizzlu d-dettalji. Il-qorti ma tistax tikkonkludi li meta Mule' ffirma dan id-dokument, kien qieghed jiffirma ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija konvenuta. Id-dokument ma jurix hekk. Ladarba nholqot relazzjoni guridika bejn l-attrici u l-konvenut Mule, dan il-konvenut ma jistax jargumenta li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Dan minkejja li mill-provi jidher li l-merkanzija nxtrat u giet uzata fil-bar u restaurant Sir Alex, gestit mill-kumpannija MAP Trading Limited li ghalhekk ghandha wkoll responsabbilta li thallas id-dejn. Dan apparti li min-naha taghha l-kumpannija konvenuta, li skond ma fehemet il-qorti ma fadlilha l-ebda negozju u gid u jidher ukoll li f'Malta m'ghad hawn l-ebda ufficjal li jirraprezentaha, qatt ma allegat li m'hijiex il-legittimu kontradittur.

4. Permezz tat-tieni eccezzjoni Mule' qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda, minghajr spjegazzjoni. Jidher li din l-eccezzjoni nghatat semplicement biex tkun inghatat u mhux ghaliex fil-meritu hemm difiza. Ix-xhud Collins, impjegat tal-attrici, ikkonferma li saret il-konsenja tal-merkanzija fil-fond Sir Alex u l-ammont pretiz ghadu dovut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Mule'.**
2. **Tichad it-tieni eccezzjoni ta' Mule.**
3. **Tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf tmien mija u sitta u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€11,836.66) bl-imghax kif mitlub. Spejjez solidalment a karigu tal-konvenuti b'dan li**

[2] Fil-fehma tal-qorti din hi l-ahjar prova.

**provizorjament d-dritt tal-kuraturi jithallas mill-attrici li tkun tista' tirkuprah minghand il-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------